ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 37

Edizzjoni bil-Malti

Volum 54
5 ta' Frar 2011

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 37/01 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) ............................................. 1

2011/C 37/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5932 – News Corp/BSkyB) (1) ..... 5

2011/C 37/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6100 – Gilde/Parcom/Gamma) (1) 5

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2011/C 37/04 Nota għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ....................................... 6

MT

Prezz:
EUR 3

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 37/05 Rata tal-kambju tal-euro ........ 7

**Europol**

2011/C 37/06 Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol Li temenda d-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 dwar it-taxxi applikabbli għas-salarji u l-emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol u li taqbel mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Europol biex jadatta l-ammonti msemmija fl-Anness għaliha ........ 8

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2011/C 37/07 Aġġornament tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 316, 28.12.2007, p. 1; ĠU C 134, 31.5.2008, p. 16; ĠU C 177, 12.7.2008, p. 9; ĠU C 200, 6.8.2008, p. 10; ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13; ĠU C 3, 8.1.2009, p. 10; ĠU C 37, 14.2.2009, p. 10; ĠU C 64, 19.3.2009, p. 20; ĠU C 99, 30.4.2009, p. 7; ĠU C 229, 23.9.2009, p. 28; ĠU C 263, 5.11.2009, p. 22; ĠU C 298, 8.12.2009, p. 17; ĠU C 74, 24.3.2010, p. 13; ĠU C 326, 3.12.2010, p. 17; ĠU C 355, 29.12.2010, p. 34; ĠU C 22, 22.1.2011, p. 22) ........ 12

2011/C 37/08 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat- Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ........ 13

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kunsill**

2011/C 37/09 Sejħa miftuħa – Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST) ........ 17

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 37/01)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 17.12.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 629/09 |
| Stat Membru | Ir-Rumanija |
| Reġjun | Cele 8 Regiuni de Dezvoltare ale României |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | „Sprijinirea investițiilor în extinderea și modernizarea rețelelor de transport al energiei electrice și gazelor naturale" |
| Il-bażi legali | 1. Proiect de Ordin al ministrului economiei pentru aprobarea Schemei de ajutor de stat privind „Sprijinirea investițiilor în extinderea și modernizarea rețelelor de transport al energiei electrice și gazelor naturale";<br>2. Programul Operațional Sectorial „Creșterea Competitivității Economice" (POS CCE), aprobat prin Decizia Comisiei Europene C(2007) 3472/2007;<br>3. Ghidul solicitantului pentru operațiunea 4.1(b) „Sprijinirea investițiilor în extinderea și modernizarea rețelelor de transport al energiei electrice, gazelor naturale și petrolului, în scopul reducerii pierderilor în rețea și realizării în condiții de siguranță și continuitate a serviciului de transport" – partea de transport din POS CCE, Axa Prioritară 4, Domeniul Major de Intervenție 1 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Żvilupp settorjali, Żvilupp reġjonali, Il-ħarsien tal-ambjent |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 57,7 miljun |
| L-intensità | 85 % |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Il-provvista ta' dawl, gass u ilma, Trasport |

| | |
|---|---|
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerul Economiei, prin Autoritatea de Management a POS CCE<br>Calea Victoriei nr. 152, sector 1<br>București<br>ROMÂNIA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 14.12.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 26/A/10 |
| Stat Membru | Il-Latvja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Grozījumi biodegvielas atbalsta shēmā (tiešais atbalsts) |
| Il-bażi legali | Ministru kabineta 2008. gada 15. aprīļa noteikumi Nr. 280 "Noteikumi par finansiāli atbalstāmajām kvotām biodegvielai" Ministru kabineta 2006. gada 18. aprīļa noteikumi Nr. 303 "Kārtība kāda uzrauga un administrē tiešo valsts atbalstu ikgadējā minimāli nepieciešamā biodegvielas daudzuma ražošanai" Biodegvielas likums, Likums "Par akcīzes nodokli" |
| It-tip tal-miżura | Skema tal-ambjent |
| L-għan | Il-ħarsien tal-ambjent |
| Il-forma tal-għajnuna | Ghotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: LVL 64,77 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2010 |
| Setturi ekonomiċi | L-industrija tal-manifattura |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Lauku atbalsta dienests, Republikas laukums 2 |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 8.7.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 205/10 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | Madrid |

| | |
|---|---|
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Producción de cortometrajes — subvencionada por la Comunidad de Madrid |
| Il-bażi legali | Ley 2/95, de 8 de marzo, de Subvenciones de la Comunidad de Madrid; Ley 38/2003 de 17 de noviembre, General de Subvenciones (Ley Estatal); Orden por la que se establecen las bases reguladores para la concesión de ayudas a empresas privadas dedicadas al sector audiovisual y cinematográfico; Proyecto de orden de la Consejería de Cultura y Turismo, por la que se convocan ayudas a la producción cinematográfica para el año 2010 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 0,4 miljun<br>Baġit globali: EUR 0,4 miljun |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | 28.11.2009-26.11.2010 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Consejeria de Cultura y Turismo de Madrid<br>Calle Caballero de Gracia, 132<br>28013 Madrid<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 3.8.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 331/10 |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Transfer of the first tranche of assets to NAMA |
| Il-bażi legali | National Asset Management Agency Act 2009 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma tal-għajnuna | Forom oħra ta' intervent ta' ekwità |
| L-estimi | […] (*) |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 26.2.2010-26.2.2011 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |

| | |
|---|---|
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Department of Finance<br>Government Building<br>Upper Merrion Street<br>Dublin 2<br>IRELAND |
| Aktar informazzjoni | — |

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 21.9.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 347/10 |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Prolongation of the guarantee for certain short-term liabilities and inter-bank deposits |
| Il-bażi legali | The Credit Institutions (Financial Support) Act 2008 as amended |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma tal-għajnuna | Garanzija |
| L-estimi | […] (*) |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 30.9.2010-31.12.2010 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | The Minister, acting on behalf of the Government, in accordance with the Act<br>Department of Finance<br>Government Building<br>Upper Merrion Street<br>Dublin 2<br>IRELAND |
| Aktar informazzjoni | — |

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5932 – News Corp/BSkyB)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 37/02)

Fil-21 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5932. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.6100 – Gilde/Parcom/Gamma)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 37/03)

Fit-28 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6100. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Nota għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

(2011/C 37/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni 2011/79/PESK ([2]), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 ([3]) dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK u fir-Regolament (UE) Nru 101/2011.

Qiegħda tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i relevanti kif indikat fis-siti elettroniċi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 101/2011, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, sabiex id-deċiżjoni biex huma jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62.
([2]) ĠU L 31, 5.2.2001, p. 40.
([3]) ĠU L 31, 5.2.2001, p. 1.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**L-4 ta’ Frar 2011**

(2011/C 37/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3631 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3406 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 111,42 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3448 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4544 | HKD | Dollaru ta’ Hong Kong | 10,6124 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84720 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7685 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,8185 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7362 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2954 | KRW | Won tal-Korea t’Isfel | 1 505,75 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta’ l-Afrika t’Isfel | 9,9353 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,8075 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,9760 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4220 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,018 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 210,64 |
| HUF | Forint Ungeriż | 270,35 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1302 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 59,575 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7015 | RUB | Rouble Russu | 40,0029 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9008 | THB | Baht Tajlandiż | 41,997 |
| RON | Leu Rumen | 4,2640 | BRL | Real Brażiljan | 2,2718 |
| TRY | Lira Turka | 2,1736 | MXN | Peso Messikan | 16,3538 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 62,1540 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# EUROPOL

## DEĊIŻJONI TAL-BORD TA' TMEXXIJA TAL-EUROPOL

**Li temenda d-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 dwar it-taxxi applikabbli għas-salarji u l-emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol u li taqbel mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Europol biex jadatta l-ammonti msemmija fl-Anness għaliha**

(2011/C 37/06)

IL-BORD TA' TMEXXIJA TAL-EUROPOL,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem l-"Europol") tas-6 ta' April 2009 fuq il-bażi tal-Artikolu 30(1)(b), l-Artikolu 30(2) u l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [1] (minn hawn 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-Europol") u b'mod partikolari l-Artikolu 57(5), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 63 tagħha;

Wara li kkunsidra l-Protokoll imfassal fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 41(3) tal-Konvenzjoni tal-Europol, dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Europol, il-membri tal-organi tiegħu, il-Viċi Diretturi u l-impjegati tal-Europol [2] (minn hawn 'il quddiem il-"Protokoll"), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tas-16 ta' Novembru 1999 li taqbel mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Europol dwar it-taxxi applikabbli għas-salarji u l-emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol [3];

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol, ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol [4] u strumenti rilevanti oħrajn għandhom ikomplu japplikaw għal membri tal-persunal li mhumiex reklutati skont l-Artikolu 57(2) tad-Deċiżjoni tal-Europol.

(2) Sal-2009, l-aġġustament annwali tas-salarji kien qiegħed isir skont l-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol, bl-applikazzjoni ta' formula maqbula mill-Bord ta' Tmexxija b'kunsiderazzjoni ta' żewġ komponenti:

— L-iżvilupp tal-għoli tal-ħajja fil-Pajjiżi l-Baxxi.

— Il-bidliet fis-salarji tas-servizz pubbliku fl-Istati Membri tal-UE.

(3) L-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol jistabbilixxi li, permezz ta' deroga mill-Kapitolu 5 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol, ir-rata tal-perċentwal tal-aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni deċiża mill-Kunsill skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej [5] għandha tapplika għall-persunal tal-Europol.

(4) L-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol jikkonċerna biss l-elementi tar-rimunerazzjoni tal-persunal imsemmija fil-Kapitolu 5 (Artikoli 43 sa 55) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol u ma jestendix għat-taxxi applikabbli għas-salarji u l-emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol.

(5) Fid-dawl tal-proċedura emendata prevista fl-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol dwar l-aġġustament tar-rimunerazzjoni, huwa mixtieq li l-kundizzjonijiet u l-proċedura jiġu adattati għall-applikazzjoni tat-taxxa għas-salarji u l-emolumenti mħallsa mill-Europol lill-persunal tal-Europol soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol, eskluż persunal lokali, skont l-Artikolu 10 tal-Protokoll imsemmi hawn fuq.

(6) L-aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni prevista fl-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol kien implimentat mill-Europol għall-ewwel darba b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2009 skont iċ-ċifri stabbiliti fir-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1296/2009 tat-23 ta' Diċembru 2009 li jaġġusta r-rimunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom. Il-metodu ta' kalkolazzjoni għal dan l-aġġustament annwali għall-membri tal-persunal tal-Europol soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol kien ippreżentat lill-Bord ta' Tmexxija fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Marzu 2010 (kif rifless fl-Anness għal din id-Deċiżjoni).

[1] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
[2] ĠU C 221, 19.7.1997, p. 2.
[3] ĠU C 65, 28.2.2001, p. 6.
[4] Att tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi r-regolamenti tal-persunal applikabbli għall-impjegati tal-Europol (ĠU C 26, 30.1.1999, p. 23).
[5] Regolament (KEE, Euratom, KESE) Nru 259/68 tal-Kunsill (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.).

(7) It-taxxa applikabbli għall-membri tal-persunal tal-Europol soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol għandha tiġi emendata sabiex tkun tirrifletti l-aġġustament tar-rimunerazzjoni applikata skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol.

(8) L-aġġustament tal-valuri msemmija fl-Artikolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 huwa limitat għal adattament tekniku skont il-perċentwal użat għall-aġġustament tar-rimunerazzjoni skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol.

(9) Id-Direttur tal-Europol għandu jkun awtorizzat biex jadatta, kull sena, il-valuri msemmija fl-Artikolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2009:

— Il-valur imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandu jinbidel EUR b'119,16.

— Il-valuri fil-munita euro msemmija fit-tabella inkluża fl-Artikolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandhom jinbidlu b'dawn li ġejjin.

8 % għal ammonti bejn EUR 119,16 u EUR 2 099,02

10 % għal ammonti bejn EUR 2 099,03 u EUR 2 891,07

12,5 % għal ammonti bejn EUR 2 891,08 u EUR 3 313,31

15 % għal ammonti bejn EUR 3 313,32 u EUR 3 762,78

17,5 % għal ammonti bejn EUR 3 762,79 u EUR 4 185,06

20 % għal ammonti bejn EUR 4 185,07 u EUR 4 594,36

22,5 % għal ammonti bejn EUR 4 594,37 u EUR 5 016,62

25 % għal ammonti bejn EUR 5 016,63 u EUR 5 425,94

27,5 % għal ammonti bejn EUR 5 425,95 u EUR 5 848,19

30 % għal ammonti bejn EUR 5 848,20 u EUR 6 257,50

32,5 % għal ammonti bejn EUR 6 257,51 u EUR 6 679,76

35 % għal ammonti bejn EUR 6 679,77 u EUR 7 089,72

40 % għal ammonti bejn EUR 7 089,73 u EUR 7 512,00

45 % għal ammonti 'l fuq minn EUR 7 512,01

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tas-16 ta' Novembru 1999 hija b'dan emendata kif ġej:

Wara l-Artikolu 3, għandu jiżdied dan l-Artikolu 3a:

"Wara l-aġġustament tar-rimunerazzjoni li tiġi deċiża kull sena mill-Kunsill skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, id-Direttur tal-Europol għandu, għall-ewwel darba b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem, jadatta l-ammonti msemmija fl-Artikolu 4 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni bl-istess perċentwal kif applikat skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija [6]. Il-valuri stabbiliti skont dan l-Artikolu għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[6] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 1.'

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-adozzjoni tagħha mill-Bord ta' Tmexxija.

Magħmul fl-Aja l-14 ta' Ottubru 2010.

Francisco José ARANDA
*Għall-Bord ta' Tmexxija*
*Il-President*

*ANNESS*

**Aġġustament tas-salarji u l-benefiċċji bażiċi applikabbli għall-persunal tal-Europol soġġett għar-Regolamenti dwar il-Persunal tal-Europol skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill b'effett mill-1 ta' Lulju 2009**

Skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol permezz ta' deroga mill-Kapitolu 5 tar-Regolamenti dwar il-Persunal tal-Europol, ir-rata perċentwali tal-aġġustament annwali tar-remunerazzjoni, li ġiet deċiża mill-Kunsill skont l-Artikolu 65 tar-Regolament dwar il-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) għandha tkun applikabbli għall-persunal tal-Europol; għaldaqstant, b'effett mill-1 ta' Lulju 2009 għall-persunal tal-Europol soġġett għar-Regolamenti dwar il-Persunal tal-Europol:

(a) L-Artikolu 45 ESR, it-tabella tas-salarji bażiċi ta' kull xahar hija mibdula b'dan li ġej (żieda ta' 1,85 %):

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 15 867,20 | | | | | | | | | | |
| 2 | 14 248,07 | | | | | | | | | | |
| 3 | 9 779,37 | 10 031,95 | 10 284,54 | 10 556,55 | 10 828,56 | 11 113,50 | 11 397,15 | 11 696,39 | 11 997,54 | 12 314,90 | 12 628,98 |
| 4 | 8 516,46 | 8 743,14 | 8 966,59 | 9 202,97 | 9 439,37 | 9 688,70 | 9 934,80 | 10 197,11 | 10 459,38 | 10 734,65 | 11 009,89 |
| 5 | 7 017,19 | 7 201,76 | 7 383,10 | 7 577,40 | 7 771,69 | 7 978,93 | 8 182,93 | 8 399,90 | 8 613,62 | 8 840,28 | 9 066,97 |
| 6 | 6 013,37 | 6 172,00 | 6 330,69 | 6 499,08 | 6 664,22 | 6 839,08 | 7 013,95 | 7 198,53 | 7 383,10 | 7 577,40 | 7 771,69 |
| 7 | 5 012,73 | 5 145,51 | 5 275,03 | 5 414,27 | 5 553,50 | 5 699,24 | 5 844,95 | 6 000,39 | 6 152,59 | 6 314,51 | 6 476,41 |
| 8 | 4 261,48 | 4 374,81 | 4 484,89 | 4 604,73 | 4 721,29 | 4 844,35 | 4 967,40 | 5 100,18 | 5 229,70 | 5 368,94 | 5 504,93 |
| 9 | 3 756,32 | 3 856,69 | 3 957,10 | 4 060,69 | 4 164,33 | 4 274,42 | 4 384,53 | 4 501,10 | 4 614,48 | 4 737,50 | 4 857,31 |
| 10 | 3 257,64 | 3 345,08 | 3 429,25 | 3 519,91 | 3 607,36 | 3 704,51 | 3 801,64 | 3 902,03 | 3 999,17 | 4 106,04 | 4 209,66 |
| 11 | 3 157,26 | 3 241,46 | 3 322,39 | 3 409,84 | 3 497,25 | 3 591,16 | 3 681,85 | 3 778,99 | 3 876,14 | 3 979,77 | 4 080,11 |
| 12 | 2 506,40 | 2 574,35 | 2 639,12 | 2 707,14 | 2 775,15 | 2 849,61 | 2 924,09 | 3 001,81 | 3 076,29 | 3 157,26 | 3 238,21 |
| 13 | 2 153,39 | 2 211,69 | 2 266,74 | 2 328,28 | 2 386,57 | 2 451,32 | 2 512,85 | 2 580,85 | 2 645,64 | 2 716,86 | 2 784,84 |

(b) L-Artikolu 59(3) ESR, l-ammont "EUR 1 049,20" huwa mibdul bi "EUR 1 068,61";

(c) L-Artikolu 59(3) ESR, l-ammont "EUR 2 098,39" huwa mibdul bi: "EUR 2 137,21";

(d) L-Artikolu 60(1) ESR, l-ammont "EUR 279,80" huwa mibdul bi: "EUR 284,98";

(e) L-Artikolu 2(1) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 292,50" huwa mibdul bi: "EUR 297,91";

(f) L-Artikolu 3(1) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 12 717,53" huwa mibdul bi: "EUR 12 952,80";

(g) L-Artikolu 3(1) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 2 861,45" huwa mibdul bi: "EUR 2 914,39";

(h) L-Artikolu 3(2) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 17 168,67" huwa mibdul bi: "EUR 17 486,29";

(i) L-Artikolu 4(1) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 1 271,76" huwa mibdul bi: "EUR 1 295,29";

([1]) Regolament (KEE, Euratom, KESE) Nru 259/68 tal-Kunsill (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.).

(j) L-Artikolu 4(1) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 953,84" huwa mibdul bi: "EUR 971,49";

(k) L-Artikolu 4(1) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 635,87" huwa mibdul bi: "EUR 647,63";

(l) L-Artikolu 4(1) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 508,69" huwa mibdul bi: "EUR 518,10";

(m) L-Artikolu 5(3) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 1 794,70" huwa mibdul bi: "EUR 1 827,90";

(n) L-Artikolu 5(3) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 2 392,94" huwa mibdul bi: "EUR 2 437,21";

(o) L-Artikolu 5(3) ta' Appendiċi 5 għall-ESR, l-ammont "EUR 2 991,17" huwa mibdul bi: "EUR 3 046,51".

Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1296/2009 għall-Pajjiżi l-Baxxi (109,3), mhuwiex applikat b'mod sħiħ għas-salarji tal-persunal li jibqa' taħt ir-Regolamenti dwar il-Persunal tal-Europol. Minflok, il-proporzjon biss bejn dan il-koeffiċjent ta' korrezzjoni u dak stabbilit għas-sena ta' qabel (109,1) huwa applikat biex jirrifletti l-evoluzzjoni tal-għoli tal-ħajja fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Biex ikun jista' jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' korrezzjoni għal Franza u għall-Istati Uniti (Washington), id-differenza bejn il-peżar fl-1 ta' Lulju 2009 kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (115,8 għal Franza u 87,4 għall-Istati Uniti (Washington) ([1]) meta mqabbel mal-peżar tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-1 ta' Lulju 2007 (109,1). Għaldaqstant, mill-1 ta' Lulju 2009, il-koeffiċjent ta' korrezzjoni huwa għal

— il-Pajjiżi l-Baxxi 100,18

— Franza 106,14

— Stati Uniti (Washington) 80,11.

Ir-riżultat tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni huwa soġġett għat-tassazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 613/2009 (ĠU L 181, 14.7.2009, p. 1.) u Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 768/2010 (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 1.).

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Aġġornament tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 316, 28.12.2007, p. 1; ĠU C 134, 31.5.2008, p. 16; ĠU C 177, 12.7.2008, p. 9; ĠU C 200, 6.8.2008, p. 10; ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13; ĠU C 3, 8.1.2009, p. 10; ĠU C 37, 14.2.2009, p. 10; ĠU C 64, 19.3.2009, p. 20; ĠU C 99, 30.4.2009, p. 7; ĠU C 229, 23.9.2009, p. 28; ĠU C 263, 5.11.2009, p. 22; ĠU C 298, 8.12.2009, p. 17; ĠU C 74, 24.3.2010, p. 13; ĠU C 326, 3.12.2010, p. 17; ĠU C 355, 29.12.2010, p. 34; ĠU C 22, 22.1.2011, p. 22)**

(2011/C 37/07)

Il-pubblikazzjoni tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmiija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 34 tal-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen.

Flimkien mal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, aġġornament ta' kull xahar huwa disponibbli fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà.

IL-POLONJA

*Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 316, 28.12.2007*

**Fruntieri tal-art**

Il-punt ġdid fejn tinqasam il-fruntiera:

— Grzechotki–Mamonowo II

**Fruntieri tal-ajru**

Il-post ta' qsim il-fruntiera li ġej għandu jitħassar:

— Lubin

**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2011/C 37/08)

**Għajnuna Nru:** XA 69/10

**Stati Membri:** Ir-Renju ta' Spanja

**Reġjun:** Comunidad Autónoma de Canarias

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Ayudas urgentes y de carácter excepcional para reparar los daños producidos por las lluvias en el Archipiélago los días 31 de enero y 1 y 2 de febrero de 2010, previstas en el artículo 6, del Decreto nº 12/2010, a excepción de las relativas a la reparación de daños en infraestructuras de industrialización y comercialización de productos agrícolas de las entidades comercializadoras (apartado 4 del artículo 6) que se acogen al Reglamento (CE) nº 1998/2006, «de mínimis»

**Bażi legali:** Artículo 6 del Decreto Territorial nº 12/2010, de 4 de febrero, de ayudas y medidas urgentes y de carácter excepcional para reparar los daños producidos por las lluvias en el Archipiélago los días 31 de enero y 1 y 2 de febrero de 2010 (B.O.C. nº 26 de 9 de febrero de 2010), a excepción de las destinadas a la reparación de daños en infraestructuras de industrialización y comercialización de productos agrícolas de las entidades comercializadoras que se acogen como ya se ha señalado al Reglamento (CE) nº 1998/2006, «de mínimis».

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Erba' mitt elf euro (EUR 400 000)

**Intensità massima tal-għajnuna:**

Skont kif stabbilit fl-Artikolu 6, tad-Digriet Nru 12/2010 tal-4 ta' Frar 2010 msemmi hawn fuq, l-ammont tal-għajnuna jista' jilħaq sa 90 % tal-ħsarat imġarrba. L-ammont ta' ħsarat jiġi stabbilit skont l-Artikolu 6, il-paragrafu 6(d) tad-Digriet imsemmi, permezz ta' rapport tal-ħsarat imħejji mis-servizz kompetenti u rilevanti tal-Kunsill tal-Gżejjer. Madankollu dan l-ammont fl-ebda każ ma għandu jaqbeż id-differenza bejn il-valur tal-ħsara mġarrba u l-ammont ta' għajnuniet oħrajn jew ta' kumpens kompattibli jew kumplimentari li setgħu ngħataw għall-istess għan minn Amministrazzjonijiet, organizzazzjonijiet pubbliċi nazzjonali jew internazzjonali jew kwanlunkwe entità ffinanzjata minn fondi pubbliċi jew privati, jew minn poloz tal-assigurazzjoni.

Fil-każ ta' għajnuniet għal ħsarat lill-mezzi tal-produzzjoni u lill-infrastruttura fis-settur agrikolu, provduti fl-Artikolu 6, paragrafu 4 tad-Digriet Nru 12/2010 tal-4 ta' Frar 2010, il-valur tal-ħsara għandu jiġi kkalkulat billi jiġi applikat perċentwal tal-ħsara vvalutata minn nefqa approvata mid-Direttorat Ġenerali tal-Agrikultra abbażi tal-moduli stabbiliti għal dan il-għan.

Madankollu, fil-każ li l-bidwi jew min irabbi l-bhejjem ma jkollux polza tal-assigurazzjoni li tkopri, mill-inqas, 50 % tal-medja tal-produzzjoni annwali tiegħu, skont kif stabbilit fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, dan il-kumpens jitnaqqas għal 50 %.

Bl-istess mod, fil-każ li l-ammont tal-għajnuna disponibbli ma jkunx biżżejjed għall-applikanti kollha, il-perċentwal ta' finanzjament tal-għajnuna jista' jitnaqqas għall-applikanti kollha, sakemm jintuża l-fond disponibbli kollu.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006, f'konformità mad-disa' dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Nru 12/2010 tad-4 ta' Frar 2010 li jiffissa kundizzjoni ta' sospensjoni ta' għajnuniet irregolati bl-Artikolu 6 tad-Digriet imsemmi, minbarra dawk maħsuba għat-tiswija ta' ħsarat fl-infrastruttura tal-industrijalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli ta' intrapriżi kummerċjali, (il-paragrafu 5, tal-Artikolu 6, tad-Digriet Nru 167/2009), li huwa eliġibbli skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna de minimis.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2010, jew sakemm jintuża l-fond maħsub għall-finanzjament tal-għajnuna msemmija (EUR 400 000)

**Għan tal-għajnuna:**

L-għanijiet stabbiliti huma dawk elenkati fid-Digriet Nru 12/2010, u li huma skont kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 tal-Kummissjoni;

"*Artikolu 11*

**Għajnuna għat-telf imġarrab minħabba fenomeni klimatiċi ħżiena**

1. L-għajnuna ppjanata sabiex tikkumpensa lill-bdiewa għat-telf ta' pjanti, annimali jew bini agrarju minħabba fenomeni klimatiċi meqjusa bħala diżastri naturali, għandha tikkonforma mas-suq komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 87, il-paragrafu 3(c) tat-Trattat, u għandu jitneħħilha l-obbligu tal-avviż paragrafu 3 tal-Artikolu 88 tat-Trattat jekk din tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-paragrafi 2 sa 6, 9 u 10 ta' dan l-Artikolu, f'dak li jirrigwarda l-pjanti u l-annimali, u tal-paragrafi 3 sa 8 u 10 ta' dan l-Artikolu,għal dak li jirrigwarda l-bini agrarju.

2. L-intensità grossa tal-għajnuna ma tistax taqbeż it-80 %, u d-90 % fiż-żoni żvantaġġati jew fiż-żoni indikati fl-Artikolu 36 (a), l-inċiżi i), ii) u iii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, kif speċifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 50 u 94 ta' dak l-istess Regolament, tat-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ tal-prodott minħabba l-fenomeni klimatiċi ħżiena inkwistjoni. Sabiex jiġi kkalkulat dak it-tnaqqis mid-dħul, għandu jitnaqqas:

(a) in-numru li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodott prodotta matul is-sena li fiha ġew irreġistrati l-fenomeni klimatiċi ħżiena bil-medja tal-prezz tal-bejgħ li jinkiseb matul dik is-sena,

(b) min-numru li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja matul it-tliet snin ta' qabel (jew matul medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-ħames snin ta' qabel u li teskludi ċ-ċifra l-iktar għolja u l-iktar baxxa) bil-prezz tal-bejgħ medju miksub.

Ma' dak l-ammont eliġibbli għall-għajnuna jistgħu jiżdiedu spejjeż oħra mġarrba mill-bidwi marbutin mat-telf tal-uċuħ tar-raba' minħabba fenomeni klimatiċi ħżiena.

3. Mill-ammont massimu tat-telf eliġibbli għall-għajnuna skont il-paragrafu 1 għandu jitnaqqas:

(a) l-ammont kollu riċevut skont l-iskemi tal-assigurazzjoni, u

(b) l-ispejjeż li ma sarux minħabba l-fenomenu klimatiku ħażin.

4. It-telf għandu jiġi kkalkulat għal kull azjenda.

5. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-bidwi affettwat jew lill-organizzazzjoni tal-produtturi li minnha huwa jagħmel parti. Jekk l-għajnuna titħallas lill-organizzazzjoni tal-produtturi, l-ammont tagħha ma jistax jaqbeż dak tal-għajnuna li tkun tista' tingħata lill-produttur.

6. Il-kumpens għad-danni kkawżati fuq il-bini u fuq il-makkinarju tal-agrikultura minħabba fenomeni klimatiċi ħżiena meqjusa bħala diżastri naturali ma għandux jaqbeż l-intensità grossa ta' 80 % fiż-żoni żvantaġġati u ta' 90 % fiż-żoni indikati fl-Artikolu 36(a), l-inċiżi i), ii) u iii), tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, speċifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 50 u 94 ta' dak ir-Regolament.

7. Il-fenomeni klimatiċi ħżiena meqjusa bħala diżastri naturali għandhom ikunu iddikjarati uffiċjalment bħala tali mill-awtoritajiet pubbliċi.

8. Mill-1 ta' Jannar 2010, il-kumpens se jitnaqqas għall-50 %, ħlief għal dawk il-każijiet meta dan jingħata lill-bdiewa li jkollhom polza tal-assigurazzjoni li tkopri mill-inqas 50 % tal-produzzjoni medja annwali tagħhom jew tad-dħul li jirriżulta mill-produzzjoni u r-riskji klimatiċi statistikament l-iktar frekwenti fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkunsidrat.

9. Mill-1 ta' Jannar 2011, l-għajnuna minħabba telf ikkawżat minħabba n-nixfa tista' titħallas biss mill-Istati Membri li jkunu implimentaw bis-sħiħ l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE (15) għal dak li jirrigwarda l-agrikultura u li jiggarantixxu li l-infiq tas-servizzi marbutin mal-użu tal-ilma fis-settur tal-agrikultura se jiġi rkuprat permezz ta' kontribuzzjoni adegwata ta' dak is-settur.

10. L-iskemi tal-għajnuna jridu jiġu implimentati fit-tliet snin ta' wara li jsiru l-ispejjeż jew li jkun hemm it-telf. L-għajnuna għandha titħallas fi żmien 4 snin minn issa 'il quddiem."

Skont l-Artikolu 6 tad-Digriet Nru 12/2010, tal-25 ta' Frar 2010, se tingħata għajnuna bħala:

(1) Kumpens għall-ħsarat lill-produzzjonijiet agrikoli u tal-bhejjem;

(a) Fl-azjendi tat-trobbija tal-bhejjem, it-telf imġarrab minħabba l-ħsarat li saru fuq il-meded ta' art użati għat-trobbija tal-bhejjem, dejjem jekk l-annimali tal-azjendi msemmija jkunu koperti skont kwalunkwe dispożizzjoni tal-Pjan ta' Assigurazzjoni Agrikola Kombinata.

(b) Ħsarat imġarrba minn produzzjonijiet agrikoli u tal-bhejjem, fejn fid-dati tal-inċident, il-perjodu tal-kuntratt tal-assigurazzjoni rilevanti kien għadu ma bediex, dejjem jekk il-kuntratt tal-assigurazzjoni jkun ġie ffirmat fis-sena tas-suq preċedenti.

(ċ) Fil-każ ta' produzzjonijiet agrikoli u tal-bhejjem li, fil-mument li fih saru l-ħsarat, kienu koperti minn polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ koperta b'sistema ta' assigurazzjoni agrikola kombinata, dawn jiġu kkumpensati għal ħsarat li mhux koperti mis-sistema msemmija.

(d) Ħsarat imġarrba mill-produzzjonijiet agrikoli u tal-bhejjem li ma jkunux inklużi fil-pjan attwali ta' assigurazzjoni agrikola kombinata, dejjem jekk dawn il-produzzjonijiet ma kienux garantiti minn forma oħra ta' assigurazzjoni.

It-telf fl-azjendi tat-trobbija tal-bhejjem, ikkaġunat minħabba l-ħsara li saret fuq meded ta' art użati għal din l-attività, se jkun ikkumpensat permezz ta' ħlasijiet li jkopru l-ispejjeż straordinarji għall-għalf tal-annimali.

Biex jiġi kkalkulat l-ammont tal-kumpens għall-produzzjoni agrikola, għandu jitqies it-telf imġarrab ta' produzzjoni mistennija għas-sena tas-suq ikkonċernata. Għal dan il-għan, fejn xieraq, se jitqiesu l-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fis-sistema ta' assigurazzjoni agrikola.

L-għajnuna ppjanata għal produzzjonijiet agrikoli u tal-bhejjem se tingħata lis-sidien ta' azjendi agrikoli, li ġarrbu ħsarat ta' 30 % jew iktar fil-produzzjoni.

(2) L-għajnuna tingħata wkoll biex tkopri t-tiswija tal-ħsarat fl-infrastrutturi u l-mezzi ta' produzzjoni tal-azjendi agrikoli, tat-trobbija tal-bhejjem u tat-tjur, kif ukoll l-annimali mejtin li mhumiex koperti minn poloz tal-assigurazzjoni. Sabiex jiġu koperti l-annimali mejtin, il-kumpens ma jistax jaqbeż it-80 %, jew id-90 % fiż-żoni żvantaġġati, tal-valur tas-suq tal-annimal, skont kif stabbilit fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1867/2006.

**Settur jew setturi benefiċjarji:**

— Fil-produzzjoni tal-bhejjem: mogħoż, fniek, tjur u naħal.

— Fil-produzzjoni veġetali: siġar tal-frott li jikbru fi klima moderata, subtropikali (banana, papaya, avocado …), dwieli, ħxejjex (patata) u pjanti ornamentali.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Consejería de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentación
(Dirección General de Agricultura)
Avda. José Manuel Guimerá, 10
Edificio de Servicios Múltiples II, Planta 3a
38071 Santa Cruz de Tenerife
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.gobcan.es/agricultura/otros/reglamento_CE_pynes.htm

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 150/10

**Stati Membri:** Franza

**Reġjun:** Id-Dipartiment ta' Ain

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Appui technique à l'amélioration des performances des filières (Ain)

**Bażi legali:** Articles L1511-2, L3231-2 et 3232-1 du code général des collectivités territoriales; délibération du Conseil général de l'Ain

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 440 000

**Intensità massima tal-għajnuna:**

80 %

Ir-rata ta' għajnuna se tkun skont it-tipi ta' azzjonijiet kif ġej:

— 50 % għal statuti ta' prassi tajba u għal appoġġ tekniku għal dawk il-produtturi li jrabbu bhejjem tal-ħalib

— 70 % għal appoġġ tekniku u titjib fil-produzzjoni standard (l-Artikolu 15)

— 80 % għal appoġġ tekniku għal titjib fil-produzzjoni ta' kwalità (l-Artikolu 14)

**Data tal-implimentazzjoni:** Minn meta jiġi ppubblikat in-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq is-sit tal-internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:**

Il-miżura hija stipulata fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 dwar l-"għajnuna għall-assistenza teknika fis-settur agrikolu".

Dan il-programm ta' għajnuna għandu l-għan li jtejjeb il-produzzjoni agrikola ta' Ain, b'għajnuniet għal preparazzjoni ta' statuti ta' prassi tajba u b'għajnuniet għal assistenza teknika. Id-dipartiment jappoġġa l-assistenza għal dawk li jrabbu l-bhejjem, il-preparazzjoni tal-produtturi agrikoli għaċ-ċertifikazzjoni tad-Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini, kif ukoll l-istabbiliment ta' standards ta' eċċellenza tad-dipartiment.

Appoġġ għall-istabbiliment ta' statuti ta' prassi tajba:

Ħidma inkoraġġanti u appoġġ tekniku huma meħtieġa biex il-produtturi li jrabbu l-bhejjem jikkonformaw mal-istatut nazzjonali ta' prassi tajba għat-trobbija tal-bhejjem. L-għan huwa ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni għal produtturi li jrabbu l-bhejjem, it-taħriġ u t-tmexxija ta' tim ta' nies tekniki esperti fuq prodotti tal-ħalib jew il-kontroll tal-kwalità tal-ħalib, u ta' gruppi ta' ħaddiema reġjonali u nazzjonali inkarigati mill-adattament ta' żviluppi, flimkien mat-tmexxija effiċjenti ta' dejta taż-żjarat tal-validazzjoni.

Appoġġ tekniku għal titjib fil-prestazzjoni: din l-għajnuna għandha l-għan li tappoġġa l-inizjattivi li jistgħu jkunu ta' diversi tipi.

— għajnuna lil azjendi li jipproduċu prodotti DPO jew taħt marka appoġġata minn speċifikazzjoni, skont il-karatteristiċi speċjali identifikati,

— għajnuna għal ħolqien ta' sistema teknika ta' referenza (u sistema ġenetika għal produtturi li jrabbu l-bhejjem), għal ġbir ta' dejta teknika u ekonomika fil-qafas ta' sessjonijiet ta' taħriġ għal produtturi agrikoli, sabiex jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-aħħar żvilppi tekniċi fis-setturi rispettivi tagħhom (baqar, nagħaġ, mogħoż, tjur, ħnieżer u trobbija taż, żwiemel, ortikultura, prodotti bijoloġiċi …),

— għajnuna għal ħolqien ta' sistema ta' referenza għall-għalf, sabiex jiżdied il-potenzjal tal-għalf u jitnaqqas il-livell ta' skart nitroġenu fl-ambjent, permezz ta' analiżi infrared tal-urea. Ir-riżultati se jippermettu l-għoti ta' pariri tekniċi adattati għal għalf effiċjenti u bbilanċjat biex jiġu ottimizzati l-funzjonijiet diġestivi tar-ruminanti u l-produzzjoni tal-ħalib,

— għajnuna speċifika għal minn irabbi l-bhejjem bil-għan li jinħoloq metodu sempliċi ta' monitoraġġ li jippermetti t-tnaqqis fiż-żmien tat-trobbija tal-erieħ għal sentejn (ara t-tabella ta' referenza), jiġi determinat il-livell ta' omega 3 fil-ħalib skont il-metodu tal-għalf li juża l-kejl infrared, flimkien ma' sistema ta' referenza, li tiġi ottimizzata t-tmexxija tal-mergħat sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ħalib (sessjonijiet ta' taħriġ fl-għelieqi ma' dawk li jrabbu l-bhejjem bil-ħsieb li huma jkomplu jxerrdu l-prassi tajba).

Is-servizzi proposti se jkunu intiżi:

— għall-intrapriżi agrikoli li d-daqs tagħhom ma jaqbiżx dak tal-SMEs hekk kif dawn huma ddefiniti fil-liġi Komunitarja fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008,

— għall-azjendi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli,

— għall-azjendi li mhumiex intrapriżi li jinsabu f'diffikultajiet skont it-tifsira tal-linji gwida Komunitarji dwar l-Għajnuniet mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-intrapriżi li jinsabu f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004).

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-setturi agrikoli kollha fid-dipartiment (azjendi agrikoli SMEs)

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Monsieur le Président du Conseil général de l'Ain
Direction de l'aménagement du territoire et de l'economie
45 avenue Alsace-Lorraine
01000 Bourg en Bresse
FRANCE

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.ain.fr

http://www.ain.fr/jcms/int_50667/formulaires

http://www.ain.fr/upload/docs/application/msword/2010-07/b_ain_bue_a.t._ameliorperf_b2.doc

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 210/10

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** It-territorju kollu tal-Italja

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Concessione di un contributo per la partecipazione del giovane imprenditore agricolo (o di un proprio collaboratore) a forum per lo scambio di conoscenze tra imprese, a concorsi, mostre e fiere.

**Bażi legali:**

Legge 15 dicembre 1998, n. 441, recante «Norme per la diffusione e la valorizzazione dell'imprenditoria in agricoltura».

Legge 27 dicembre 2006, n. 296 (legge finanziaria 2007), articolo 1, comma 1068 e comma 1074.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** In-nefqa totali ppjanata hi EUR 400 000,00

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż eliġibbli

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' identifikazzjoni tat-talba għal eżenzjoni pprovduta fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** L-għajnuna se tingħata sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:** L-għajnuna se tingħata biex tħeġġeġ lill-bdiewa u lill-ħaddiema tal-irziezet biex jieħdu sehem f'fora u jaqsmu l-għarfien bejn negozji, u f'kompetizzjonijiet, wirjiet u fieri, skont l-Artikolu 15(2)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Il-bdiewa żgħażagħ

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ministero delle politiche agricole alimentari e forestali
Dipartimento delle politiche competitive del mondo rurale e della qualità
Direzione generale della competitività per lo sviluppo rurale
Via XX Settembre 20
00187 Roma RM
ITALIA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.politicheagricole.gov.it/SviluppoRurale/GiovaniAgricoltura/default.htm

**Informazzjoni oħra:** —

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUNSILL

## SEJĦA MIFTUĦA

### Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST)

(2011/C 37/09)

Il-COST tressaq flimkien riċerkaturi u esperti f'pajjiżi differenti li jaħdmu fuq suġġetti speċifiċi. Il-COST MA TIFFINANZJAX ir-riċerka nnifisha, imma tappoġġa attivitajiet ta' networking bħal laqgħat, konferenzi, skambji xjentifiċi fuq terminu qasir u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. Attwalment huma appoġġati aktar minn 280 netwerk xjentifiku (Azzjonijiet).

Il-COST tistieden proposti għal Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, kulturali jew soċjetali tal-Ewropa. Proposti li jkollhom rwol prekursur għal programmi oħrajn Ewropej u/jew mibdija minn riċerkaturi fi stadju bikri huma milqugħa b'mod speċjali.

L-iżvilupp ta' rabtiet aktar sodi fost ir-riċerkaturi Ewropej huwa kruċjali għall-bini taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA). Il-COST tistimula netwerks ta' riċerka ġodda, innovattivi, interdixxiplinari u wisgħin fl-Ewropa. L-attivitajiet tal-COST jitwettqu minn gruppi ta' riċerka għat-tisħiħ tas-sisien għall-bini ta' eċċellenza xjentifika fl-Ewropa.

Il-COST hi organizzata f'disa' Setturi (Bijomediċina u Bijoxjenzi Molekulari; Kimika u Xjenzi u Teknoloġiji Molekulari; Xjenza tas-Sistema Terrestri u Ġestjoni Ambjentali; Ikel u Agrikoltura; Foresti, Prodotti u Servizzi tagħhom; Individwi, Soċjetajiet, Kulturi u Saħħa; It-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni; Materjali, Fiżika u Nanoxjenzi; Trasport u Żvilupp Urban). Il-kopertura intenzjonata ta' kull Settur hi spjegata f'http://www.cost.eu

L-applikanti huma mistiedna jqiegħdu s-suġġett tagħhom f'Settur wieħed. Madankollu, proposti interdixxiplinari li ma jaqgħux direttament f'Settur wieħed huma milqugħa b'mod partikolari u ser ikunu vvalutati separatament.

Il-proposti għandhom jinkludu riċerkaturi minn minimu ta' ħames pajjiżi tal-COST. Jista' jiġi mistenni appoġġ finanzjarju ta' madwar EUR 100 000 p.a. normalment għal 4 snin, soġġett għall-baġit disponibbli.

Il-proposti ser ikunu vvalutati f'żewġ stadji. Proposti Preliminari (massimu ta' 1 500 kelma/3 paġni), mibgħuta bl-użu tal-mudell online fuq http://www.cost.eu/opencall għandhom jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-proposta u l-impatt maħsub tagħha. Il-proposti li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' eliġibilità tal-COST (eż. li jitolbu finanzjament għar-riċerka) ser jiġu esklużi. Proposti eliġibbli ser ikunu vvalutati mill-Kumitati tas-Setturi rilevanti f'konformità mal-kriterji ppublikati f'http://www.cost.eu. L-applikanti tal-Proposti Preliminari magħżula ser ikunu mistiedna jippreżentaw Proposta Sħiħa. Proposti Sħaħ ser ikunu riveduti

mill-pari skont il-kriterji ta' valutazzjoni f'http://www.cost.eu/opencall. Id-deċiżjoni normalment ser tittieħed fi żmien sitt xhur mid-data tal-ġbir u l-Azzjonijiet mistennija li jibdew fi żmien tliet xhur minn dakinhar.

Id-data tal-ġbir għall-Proposti Preliminari hi l-25 ta' Marzu 2011, 17:00 ħin ta' Brussell. Ser jiġu mistiedna mhux aktar minn 80 Proposta Kompleta għall-għażla finali ta' mhux aktar minn 30 Azzjoni ġdida, soġġett għall-baġit disponibbli. Proposti Sħaħ ser ikunu mistiedna sat-13 ta' Mejju 2011 għall-preżentazzjoni sad-29 ta' Lulju 2011, bid-deċiżjonijiet mistennija f'Diċembru 2011. Id-data tal-ġbir li jmiss hija prevista għat-30 ta' Settembru 2011.

Jekk jixtiequ l-applikanti jistgħu jikkuntattjaw il-Koordinatur nazzjonali tal-COST (CNC) tagħhom għal informazzjoni u gwida – ara http://www.cost.eu/cnc

Il-proposti għandhom jintbagħtu online lill-website tal-Uffiċċju tal-COST.

Il-COST tirċievi appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tagħha ta' koordinazzjoni mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RŻT) tal-UE. L-Uffiċċju tal-COST, stabbilit mill-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF), li jaġixxi bħala aġent implimentattiv għal COST, jipprovdi u jiġġestixxi s-segretarjat amministrattiv, xjentifiku u tekniku għall-COST, il-Kumitati tas-Setturi tiegħu u l-Azzjonijiet tiegħu.

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6101 – UPM/Myllykoski u Rhein Papier)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 37/10)

1. Fit-28 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża UPM Kymmene Corporation ("UPM", il-Finlandja) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Myllykoski Corporation ("Myllykoski", il-Finlandja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal UPM u Myllykoski: l-iżvilupp, manifattura u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-karta,

— għal Rhein Papier: manifattura ta' prodotti tal-karta.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6101 – UPM/Myllykoski u Rhein Papier, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 37/11)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [1]. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

DOKUMENT UNIKU

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"金乡大蒜" (JINXIANG DA SUAN)**

**Nru tal-KE: CN-PGI-0005-0622-16.07.2007**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem:**

"金乡大蒜" (Jinxiang Da Suan)

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz:**

Iċ-Ċina

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali pproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1):*

Jinxiang Da Suan huwa tip ta' tewm abjad lokali miżrugħ fil-Kontea ta' Jinxing li, bħala karatteristiċi, jinkludi qoxra ta' kulur abjad pur, forma oblata regolari, bejn 8 u 11-il sinna fis-saff ta' barra, togħma kemxejn pikkanti, dijametru ta' bejn 5 u 7 ċm u piż ta' bejn 40 u 80 g.

3.3. *Materja prima:*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jseħħu fiż-żona ġeografika identifikata:*

3.5.1. Il-preparazzjoni tal-ħamrija

L-ewwel nett, il-ħamrija għandha tinħarat f'fond ta' bejn 20 u 25 ċm sabiex jiġu żgurati l-fond, il-finezza, il-permeabilità, is-solidità u l-uniformità tal-art, u wara għandha tiġi ppreparata radda wiesgħa bejn 150 u 400 ċm u appoġġata minn bank għoli bejn 10 u 30 ċm u wiesa' bejn 25 u 40 ċm.

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3.5.2. L-għażla u t-trattament tal-basal

Huwa biss dak il-basal ta' kulur pur, b'piż li ma jaqbiżx il-5 g, bla ebda sinna mrikkba fuq l-oħra u ħielsa mit-tnawwir, insetti li jagħmlu ħsara, mard u tnebbit, li jintagħżlu bħala basal taż-żerriegħa. Il-basal jitqiegħed fix-xemx għal bejn jumejn (2) u 3 ijiem qabel it-taħwil.

3.5.3. It-taħwil tal-basal

Il-perjodu tat-taħwil huwa bejn it-8 u l-15 ta' Ottubru. Ma jistgħux jiġu mħawla aktar minn 350 000 basla għaż-żerriegħa f'ettaru wieħed. Dan il-basal ikun miksi b'ħamrija ta' ħxuna ta' 1-1,5 ċm wara li jkun tħawwel.

3.5.4. Il-ġestjoni tal-għalqa

3.5.4.1. Il-fertilizzazzjoni

Il-kwantità ta' kompost organiku applikat fl-għalqa ma għandhiex tkun inqas minn 67 500 kg għal kull ettaru.

3.5.4.2. Il-kisi b'film tal-plastik

Wara ż-żrigħ, ir-raded ikunu miksija b'film tal-plastik, u l-film għandu jinqasam mill-bidwi meta n-nebbieta toħroġ 1-2 ċm 'il barra mill-wiċċ.

3.5.4.3. L-irrigazzjoni

Il-basal jista' jiġi msaqqi fi żmien speċifiku waqt il-perjodu ta' tkabbir tas-sena ta' wara, inkluż tard f' Marzu meta l-basal jkompli bit-tkabbir veġetattiv, tard f'April meta z-zkuk tat-tewm jibdew jikbru u kmieni f'Mejju meta l-basla tat-tewm tibda tifforma wara li l-ħsad taz-zkuk tat-tewm.

3.5.5. Il-ħsad u l-ħżin

It-tewm għandu jinħasad f'nofs Mejju, meta l-weraq tal-parti ta' isfel taz-zokk jibda jidbiel u jibqgħu biss bejn 2 u 4 werqiet ħodor fil-parti ta' fuq taz-zokk filwaqt li z-zokk innifsu jirtab. It-tewm maħsud għandu jibqa' ppreservat billi jiġi ffriżat f'temperatura ta' bejn – 2° u – 4 °C bejn l-10 u t-30 ta' Lulju. Dan il-perjodu ta' ħżin ma għandux jaqbeż it-300 ġurnata.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk u għall-ippakkjar, eċċ.:*

Il-Klassifikazzjoni – it-Tqattigħ tal-parti ta' fuq – it-Tqaxxir – il-Kontroll tal-Kwalità tal-prodott nofsu komplut – l-Użin – l-Istampar tal-kodiċi operattiv – Il-Kontroll tal-Kwalità tal-prodott aħħari għandhom isiru fiż-żona definita.

It-tewm Jinxiang huwa ppakkjat f'kaxxi tal-kartun ħielsa mill-periklu u degradabbli, jew fi xbieki li huma ħielsa mill-periklu flimkien ma' kaxxi tal-kartun. Għall-finijiet ta' ppakkjar, id-daqs tal-basal ivarja bejn 4,5 u 5 ċm, bejn 5 u 5,5 ċm, bejn 6 u 6,5 ċm u bejn 6,5 ċm u akbar; Il-piż ivarja bejn 5 kg, 10 kg, 13–il kg sa 20 kg.

It-tewm għall-esportazzjoni huwa ppakkjat f'kaxxi tal-kartun ikkorrugat bi speċifikazzjonijiet ta' 40 × 30 × 20 ċm jew 38 × 27 × 21 ċm.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

It-tikketta tal-IĠP mogħtija għandha tkun tkun indikata fuq l-ippakkjar għall-bejgħ kif ukoll l-ismijiet tar-reġjunijiet tat-tkabbir (il-Kontea ta' Jinxiang u l-Provinċja ta' Shandong), l-isem tal-prodott (Tewm ta' Jinxiang), l-ispeċifikazzjonijiet tal-ippakkjar u tad-daqs, in-numru ta' approvazzjoni tal-manifattur, il-marka kummerċjali, il-piż gross, il-piż nett, id-data ta' produzzjoni kif ukoll il-perjodu ta' zmien sakemm il-prodott jista' jinbiegħ jew jiġi kkunsmat.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Il-post ta' oriġini speċifiku ta' Jinxiang Da Suan jinkludi l-ibliet li ġejjin: il-belt ta' Jinxiang, il-belt ta' Gaohe, il-belt ta' Puji, il-belt ta' Huji, il-belt ta' Yangshan, il-belt ta' Yushan, il-belt ta' Mamiao, il-belt ta' Jishu, il-belt ta' Xinglong, il-belt ta' Wangpi, il-belt ta' Huayu, il-belt ta' Sima u l-belt ta' Xiaoyun, li bejniethom ikopru erja totali ta' 885 kilometru kwadru.

Iż-żona ddefinita hija delimitata b'rabta mal-kundizzjonijiet tal-ħamrija tagħha. Il-kundizzjonijiet tal-ħamrija tal-post ta' oriġini huma li ġejjin:

(1) Il-ħamrija ta' fuq hija fluvo-akkwika ta' lom ħafif jew lom medju;

(2) Il-valur tal-pH tal-ħamrija, li għandha ħxuna ta' art li tinħarat ta' bejn 0 u 20 ċm, huwa ta' bejn 7,0 u 8,0;

(3) Il-kontenut ta' materji organiċi fil-ħamrija mhuwiex inqas minn 1,2 %.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

B'mod ġenerali, hemm żewġ tipi ta' forom tal-art, fil-post ta' oriġini fejn jikber it-tewm ta' Jinxiang, li jinkludu art kemxejn imxaqilba u art li tiżżerżaq gradwalment, kif ukoll ftit pjanuri li jinsabu fiż-żona. Il-ħamrija ta' żona hija ħamrija fluvo-akkwika li hija parti mill-pjanura alluvjali tax-Xmara s-Safra. Il-Kontea ta' Jinxiang tgawdi minn ambjent tajjeb għall-produzzjoni agrikola u l-kwalità tal-arja, il-ħamrija u l-ilma huma konformi mal-istandard NY/T744-2003, ir-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-ikel mingħajr ma jitniġġes l-ambjent.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott:*

Il-basla tal-Jinxiang Da Suan hija kbira, għandha dijametru ta' bejn 5 u 7 ċm, piż ta' bejn 40 u 80 g u bejn 8 u 11–il sinna fis-saff ta' barra. It-tewm, b'forma oblata regolari, huwa abjad pur u għandu togħma daqsxejn pikkanti, fejn iċ-ċelluloża ma taqbiżx 0,7 %, kubrit totali mhux inqas minn 0,9 % u konentut tal-ilma mhux inqas minn 60 %.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott:*

5.3.1. Il-kundizzjoni tal-ħamrija

It-tip primarju ta' art li tinħarat fil-kontea ta' Jinxiang hija l-art fluvo-akkwika. It-tessut tal-ħamrija ta' fuq huwa ta' lom ħafif u lom medju, li huwa kkaratterizzat minn ħamrija maħlula, permeabilità tajba, u kapaċità eċċellenti biex iżżomm l-ilma u l-kompost kif ukoll kontenut għoli ta' materji organiċi. Bil-karatteristiċi msemmija hawn fuq, l-art hija adattata għat-tkabbir tal-għelejjel b'sistemi ta' għeruq fil-baxx inkluż it-tewm li jista' jiżviluppa tajjeb u jieħu forma regolari f'ħamrija ta' dan it-tip.

5.3.2. Il-karatteristiċi klimatiċi

Il-Kontea ta' Jinxiang li tinsab f'żona b'klima moderata li hija tat-tip tal-monsun semi-umidu u semi-aridu u hija kkaratterizzata minn erba' staġuni distintivi u biżżejjed xemx, fejn ix-xitwa hija kiesħa u niexfa, is-sajf sħun u bix-xita, il-ħarifa b'temp ċar u frisk u r-rebbiegħa tkun bir-riħ. Il-perjodu kritiku tat-tkabbir tat-tewm huwa bejn Marzu u Mejju meta l-bidla fit-temperatura ta' matul il-ġurnata tista' tkun bejn 11 u 15 °C. B'mod partikolari f'Mejju, it-temperatura medja taqbeż l-20 °C, b'medja ta' 8,4 sigħat ta' xemx u rata ta' dawl tax-xemx ta' 60 %, minbarra dan, ir-radjazzjoni mix-xemx tista' tilħaq medja ta' 14,88 kcal/$ċm^2$ waqt l-iktar mument intensiv tal-ġurnata.

Mill-10 ta' Diċembru sal-10 ta' Frar tas-sena ta' wara, it-temperatura medja hija ta' madwar 0,4 °C u t-temperatura minima hija 'il fuq minn – 7 °C, li tippermetti lit-tewm jgħix, b'mod sikur, matul ix-xitwa. Minbarra dan, żmien itwal ta' vernalizzazzjoni huwa favorevoli sabiex jiġu ffurmati aktar snien fit-tewm.

5.3.3. Il-fatturi umani

L-istorja tat-tkabbir tat-tewm fil-Kontea ta' Jinxiang hija antika ħafna. Fl-annali tal-kontea ġie rreġistrat li t-Tewm Abjad ta' Jinxiang ilu jitħawwel sa mill-bidu tad-Dinastija tal-Ħan tal-Lvant, jiġifieri 2000 sena ilu. Iż-żona tat-taħwil tat-tewm kienet ta' madwar 200 ettaru fil-bidu tas-seklu l-ieħor, bejn 330 u 700 ettaru f'nofs l-istess seklu u 40 000 ettaru f'dan is-seklu.

Imsejjes fuq l-esperjenzi rikki tat-taħwil tat-tewm, it-tnixxif bl-arja u l-ipproċessar, li ġew akkumulati sena wara sena, inħoloq kunċett avanzat tat-taħwil tat-tewm, li jeħtieġ għażla ta' basal tal-ogħla kwalità, żrigħ fil-baxx, l-iddemellar tal-ħamrija qabel it-taħwil, it-tisqija frekwenti u l-ħsad bikri skont it-temp. Sabiex it-tewm iżomm il-kulur abjad pur oriġinali, jintuża tilar tal-bambù biex jiġi mnixxef, sabiex jiġi żgurat li t-tewm jinxef kompletament u b'mod uniformi. Minbarra dan, inħolqot sikkina f'forma ta' qaws sabiex titjieb il-kwalità tat-tewm fl-ipproċessar.

5.3.4. Ir-reputazzjoni tal-prodott

Jinxiang Da Suan rebaħ il-midalja tal-fidda fl-ewwel Expo tal-Agrikultura taċ-Ċina fl-1992, li huwa l-ogħla premju li nkiseb mit-Tewm Abjad Ċiniż sa llum, u kiseb ċertifikat ta' grad 'A' għall-ikel ekoloġiku li nħareġ mill-Ministeru għall-Agrikultura f'Ottubru tal-1996. Il-bażi tal-produzzjoni tat-tewm ta' 20 000 ettaru fil-Kontea ta' Jinxiang ġiet intitolata mill-Ministeru għall-Agrikoltura bħala 'Bażi Nazzjonali għall-Produzzjoni Standard għall-oriġini ta' ikel ekoloġiku' u, fl-2006, is-Suq Kummerċjali tat-Tewm ta' Jinxiang ġie identifikat bħala 'Is-Suq Ċentrali ta' Bejgħ bl-Ingrossa tal-Prodotti Agrikoli nnominat mill-Ministeru tal-Agrikultura'. Għoxrin Korporazzjoni tal-Importazzjoni u l-Esportazzjoni fil-Kontea kisbu ċ-ċertifikat Gap Ewropew/Globali għall-bażi tagħhom ta' produzzjoni tat-tewm ta' 700 ettaru. Il-produzzjoni annwali tal-40 000 ettaru, li hija 700 000 tunnellata, tirrappreżenta madwar kwart tal-produzzjoni totali tat-tewm fiċ-Ċina.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

—

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 37/12)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [1]. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

DOKUMENT UNIKU

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"COPPA DI PARMA"**

**Nru tal-KE: IT-PGI-0005-0602-04.05.2007**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem:**

"Coppa di Parma"

2. **Stat membru jew pajjiż terz:**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsaaħħnin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1:*

Meta tinħareġ għall-konsum, il-"Coppa di Parma" IĠP tiġi ppreżentata f'forma ċilindrika u mhux mgħaffġa. Id-daqsijiet ivarjaw minn madwar 25 sa 40 ċm tul, u l-piż għandu jkun mill-inqas ta' 1,3 Kg. Meta tinqata', il-fetta ma għandux ikollha partijiet bix-xaħam ta' kulur isfar jew partijiet rotob, li juru maturazzjoni ħażina. Lanqas ma għandu jkun hemm moffa fuq in-naħa ta' ġewwa. Il-"Coppa di Parma" IĠP tippreżenta l-karatteristiċi li ġejjin:

Karatterisitiċi organolettiċi: it-togħma tipika ta' prodott tal-laħam li jkollu biżżejjed degradazzjoni proteolitika fil-parti tad-dgħejf u lipolitika fil-parti tax-xaħam, li jirriżultaw minn maturazzjoni li saret b'mod tajjeb, ma jkunx fiha togħmiet strambi ta' aċidu feniku, ta' ħut imqadded mitħun jew oħrajn, u għandu jkollha grad tajjeb ta' benna; ir-riħa u l-fwieħa pjaċevoli karatteristika tal-fwieħa tal-prodott, joħorġu meta tiddaħħal labra magħmula minn għadma ta' żiemel fejn il-vina ewlenija, fil-partijiet tax-xaħam u mhux f'dawk tad-dgħejf; il-konsistenza tal-prodott meta jintmess u jinqata' hija medja, faċli biex jinqalgħu l-intestini, ma ddellikx u mingħajr patina fil-wiċċ, tippreżenta omoġenjità bejn il-partijiet esterni u dawk interni, li jindika deidratazzjoni u maturazzjoni li saru gradwalment; il-kulur tal-fetta jkun uniformi u mingħajr tbajja'; il-parti tad-dgħejf tkun ta' kulur aħmar li jagħti fir-roża fil-parti tax-xaħam. Il-"Coppa di Parma" hija prodott li jipprevedi perjodu ta' maturazzjoni ta' mill-inqas 60 jum.

Karatteristiċi kimiċi u kimikofiżiċi:

| | |
|---|---|
| Melħ | < 5 % |
| Total ta' proteini | minimu 22 % |
| Proporzjon ilma/proteini | massimu 2,00 |
| pH | > 5,7 |

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Parametri mikrobijoloġiċi:

| | |
|---|---|
| Total ta' enterobatterji | u.f.c/g < 10 |
| E. Coli | u.f.c/g < 10 |
| Stafilococcus Aureus | u.f.c/g < 100 |

L-ingredjenti li jintużaw għall-preparazzjoni tal-"Coppa di Parma" huma perċentwal li jvarja bejn 2,6 u 3,5 ta' melħ u aromi naturali, u/jew bżar u/jew il-possibbiltà ta' ħwawar oħra. Barra minn hekk jistgħu jintużaw ukoll: inbid, destrożju u/jew fruttożju u/jew sukrożju, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi, kulturi li jagħtu bidu skont prattika tajba, nitrit tas-sodju/potassju, nitrat tas-sodju/potassju, aċidu askorbiku u l-melħ tiegħu, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

L-użu tradizzjonali ta' laħam li ġej mill-majjal ta' piż tqil tipiku Taljan huwa fundamentali fil-preparazzjoni tal-Coppa di Parma. Dan il-majjal li huwa tipiku taż-żona tal-Italja ċentrali u tat-Tramuntana, fil-fatt jippreżenta ġenetika speċifika u jitrabba għal mill-inqas 9 xhur f'kundizzjonijiet partikolari li jippermettulu li jilħaq piżijiet għoljin u li jkollu laħam b'livell għoli ta' xaħam bejn il-muskoli u livelli għoljin ta' enżimi, partikolarment il-katepsinili huma fundamentali għall-maturazzjoni tal-Coppa di Parma.

Il-"Coppa di Parma" IĠP tinkiseb minn laħam tal-majjal kif deskritt hawn taħt:

— Huma permessi annimali ta' razza pura jew ġejjin mir-razez tradizzjonali bbażati fuq il-Large White u l-Landrac, kif imtejba mir-Reġistru tar-Razza Taljan.

— Huma wkoll permessi annimali ġejjin mir-razza Duroc, kif imtejba mir-Reġistru tar-Razza Taljan.

— Barra minn hekk huma wkoll permessi annimali ta' razez oħra, imħalltin jew ibridi, dejjem jekk ikunu ġejjin minn skemi ta' selezzjoni jew tgħammir li l-għanijiet tagħhom ma jkunux inkompatibbli ma' dawk tar-Reġistru tar-Razza Taljan, għall-produzzjoni tal-ħanżir tqil.

— Skont it-tradizzjoni, bhejjem li jġorru karatteristiċi antitetiċi, b'referenza partikolari għal dawk suxxettibbli għall-istress (PSS), li llum jinstabu oġġettivament anke fuq annimali post mortem u fuq prodotti mmaturati, ma għandhomx jiġu inklużi.

— Annimali tar-razez puri Landrace Belga, Hampshire, Pietrain, Duroc u Spotted Poland fl-ebda każ ma jiġu inklużi.

— It-tipi ġenetiċi użati għandhom jiżguraw li jintlaħqu piżijiet għoljin b'rendiment tajjeb u li, fi kwalunwe każ, il-piż medju għandu jkun ta' bejn 160 b'10 % iktar jew inqas għal kull lott (piż ħaj).

— L-età minima tal-qatla hija ta' disa' xhur.

— Huwa eskluż l-użu ta' ħnieżer tal-għalel u ħnieżer nisa.

— Il-ħnieżer għandhom jinqatlu meta jkunu fi stat eċċellenti ta' saħħa u għandhom jiġu żvinati b'mod perfett.

Il-qatgħat tal-laħam li jintużaw fil-produzzjoni tal-"Coppa di Parma" IĠP huma magħmulin minn parti mill-muskolu tal-għonq, li jkun imiss mal-għadam tal-għonq u ma' ftit mill-għadam toraċiku (il-massa tal-muskoli li tinsab bejn il-ħofra ffurmata mill-irkiekel f'dahar l-annimal, mill-ikbar partijiet tas-sinsla u mill-kustilji tan-nofs).

Il-laħmijiet użati ma għandhom ikunu għaddew minn ebda proċess ta' ffriżar.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

Għandhom jiġu rrispettati regoli dettaljati dwar l-użu u l-kompożizzjoni tar-razzjon tal-għalf. L-għalf tal-ħnieżer għandu jinqasam f'żewġ fażijiet u huwa bbażat l-iktar fuq il-produzzjoni taċ-ċereali u s-sottoprodotti minn attivitajiet marbutin mal-produzzjoni tal-ġobon. Preferibbilment l-għalf, ibbażat fuq iċ-ċereali, jiġi ppreżentat f'forma likwida (brodu jew maxx) u, tradizzjonalment, bix-xorrox tal-ħalib. B'mod speċifiku, l-għalf jikkonsisti fi:

— Il-fażi sa 80 kilogramma ta' piż ħaj: Jintuża l-għalf maħsub għall-fażi tat-tismin li tiġi wara kif ukoll l-għalf imsemmi hawn taħt f'ordni fejn l-ammont jonqos. Dqiq minn estrazzjoni tas-sojja; qamħirrum ippriservat; smid tal-gluten tal-qamħirrum u/jew corn gluten feed; ħarrub mingħajr żerriegħa, distillaturi; lipidi li l-punt tat-tidwib tagħhom ikun iktar minn 36 °C; ħut imqadded mitħun, liżati tal-proteina; xorrox tal-butir. Il-preżenza ta' sustanza niexfa taċ-ċereali fl-ebda każ ma għandha tkun inqas minn 45 % tat-total.

— Fażi tat-tismin: l-għalf awtorizzat u li jidher f'ordni fejn l-ammont jonqos huwa: Qamħirrum u maxx tal-ħbub tal-qamħ u/jew żbul; sorgu, xgħir; qamħ, qamħ triticale, ħafur u ċereali minuri; qxur u prodotti oħrajn li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-qamħ; patata deidratata, polpa tal-pitravi magħsur u insilati, dqiq mill-estrazzjoni tas-sojja. dqiq tal-ġirasol; manjoka, għasel iswed, dqiq estratt mill-ġewż tal-indi, dqiq estratt mill-ħbub tal-qamħirrum, piżelli e/jew żerriegħa oħra tal-legumi; polpa niexfa maħruġa mill-pitravi; dqiq tal-ġunġlien; estratt taż-żerriegħa tal-kittien, residwi mill-qxur tat-tuffieħ u tal-lanġas, qxur tal-għeneb jew tat-tadam fosthom aġenti li jaġixxu bħala integraturi, dqiq deidratat tal-alfalfa, ħmira tal-birra u/jew ħmira tal-ġenus torula, lipidi li l-punt tat-tidwib tagħhom ikun iktar minn 40° grad ċentigrad; xorrox tal-ħalib; xorrox tal-butir. Il-preżenza ta' sustanza niexfa taċ-ċereali fil-fażi tat-tismin ma għandhiex tkun inqas minn 55 % tat-total.

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jseħħu fiż-żona ġeografika identifikata:*

L-istadji speċifiċi fil-produzzjoni tal-"Coppa di Parma" li ġejjin għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika ddefinita:

— Preparazzjoni tat-tqattigħ li huwa maħsub għall-ipproċessar

— Tmelliħ, li jista' jsir kemm manwalment kif ukoll mekkanikament u jista' jdum minn 6 sa 14-il jum

— It-tqegħid tal-mili fl-intestini, li jipprevedi l-użu ta' intestini naturali għall-prodott maħsub għal bejgħ tali kwali u f'biċċiet, jew f'intestini naturali li jiġu rikostitwiti bit-twaħħil ma' xulxin ta' għadd ta' biċċiet anatomiċi, għall-prodott maħsub sabiex ikun kummerċjalizzat qabel jitqatta' f'fetet.

— L-irbit, li jitwettaq permezz ta' spaga mhux b'forma ta' xibka fil-każ tal-prodott tali kwali u f'biċċiet, jew permezz ta' xibka ta' ħajt elastiċċizzat fil-każ ta' prodott maħsub sabiex ikun kummerċjalizzat qabel jitqatta' f'fetet.

— Fawra għal tul ta' ħin li jvarja bejn tmien (8) u għaxar (10) sigħat

— It-tnixxif għal tul taż-żmien li ma jkunx inqas minn15-il ġurnata komplessivament

— Il-maturazzjoni għal perjodu minimu ta' żmien li jvarja bejn 60 u 90 ġuranta skont il-piż tal-"coppa".

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.:*

L-operazzjonijiet tat-tqattigħ f'fetet u tal-ippakkjar tal-"Coppa di Parma" (IĠP jistgħu jsiru biss fi strutturi li jinsabu fit-territorju tal-produzzjoni indikat fil-punt 4 li ġej u taħt il-kontroll tal-organu awtorizzat skont il-modalitajiet previsti mill-pjan tal-kontrolli.

Għall-"Coppa di Parma" IĠP li toħroġ fuq is-suq għall-konsum sħiħa, it-tqattigħ jista' jsir biss f'livell tal-bejjiegħ bl-imnut fuq il-bank tat-tqattigħ u fil-preżenza tal-konsumatur aħħari.

Fil-fatt, minħabba d-delikatezza tal-prodott, li huwa rikk fl-aċidi tax-xaħam mhux saturi u li ma tantx fih konservanti, u minħabba li l-fażi tat-tqattigħ u tal-ippakkjar tista' tkun stressanti, jaf ikun meħtieġ li dawn l-operazzjonijiet jitwettqu minn persunal ikkwalifikat b'għarfien speċifiku tal-prodott. B'mod partikolari, jeħtieġ li l-ħin li matulu l-fetta ddum f'kuntatt mal-arja jkun qasir kemm jista' jkun, sabiex jiġu evitati fenomeni fejn il-kulur jiskura.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

Il-"Coppa di Parma" IĠP tista' tinħareġ għall-konsum: sħiħa, bit-tikketta biss; f'biċċiet, f'vakwu jew f'atmosfera protettiva; imqatta' fetet, f'vakwu jew f'atmosfera protettiva;

L-isem "Coppa di Parma" segwita bit-tismija tal-"Indikazzjoni Ġeografika Protetta" jew bl-akronimu "IĠP" (tradott bil-lingwa tal-Pajjiż fejn jiġi prodott u kummerċjalizzat) għandu jidher fuq it-tikketta b'tipa ċara u li ma titħassarx, li tidher distinta minn kull kitba oħra li tkun tidher fuq l-istess tikketta, segwita bis-simbolu grafiku komunitarju u mill-marka tal-azjenda.

4. **Deskrizzjoni konċiża fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Iż-żona tal-produzzjoni tal-"Coppa di Parma" IĠP hija identifikata mit-territorju amministrattiv kollu tal-Provinċji ta' Parma, Modena, Reggio Emilia, Mantova, Pavia, u mill-muniċipalitajiet mal-medda sħiħa tax-xmara Po li jagħmlu parti mit-territorju amministrattiv tal-provinċji li ġejjin:

— Lodi: Senna Lodigiano, Ospedaletto Lodigiano, Orio Litta, Livraga, Borghetto Lodigiano, Brembio, Segugnago, Somaglia, Casalpusterlengo, Cotogno, Gardamiglio, San Rocco al Porto, San Fiorano, S. Stefano Lodigiano, Cavacurta, Maleo, Corno Giovine, Corno Vecchio, Maccastorna, Meleti, Castelnuovo B. D'Adda, Caselle Landi;

— Milan: San Colombano al Lambro;

— Cremona: Pizzighettone, Crotta d'Adda, Spinadesco, Acquanegra Cremonese, Sesto ed Uniti, Cremona, Gerre de Caprioli, Stagno Lombardo, Pieve d'Olmi, San Daniele Po, Motta Baluffi, Torricella del Pizzo, Gussola, Casalmaggiore, Martignana Po, Rivarolo del Re, Scandolara Bovara, Casteldidone, Solarolo Rainerio, S. Giovanni in Croce, San Martino del Lago, Cingia de' Botti, Cella Dati, Tornata, Calvatone, Piadina, Voltino, Derovere, Ca' d'Andrea, Sospiro, Bonemerse, Malagnino, Pieve S. Giacomo, Torre de' Picenardi, Drizzona, Isola Dovarese.

Mill-aspett ġeografiku, iż-żona tal-produzzjoni hija kkaratterizzata minn żoni bl-għoljiet li jispiċċaw fi pjanura, u li jestendu sal-medda ta' maġenb ix-xmara Po tan-naħa tat-Tramuntana.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika:*

It-territorju tal-produzzjoni tal-"Coppa di Parma" IĠP, jiddistingwi ruħu bil-preżenza ta' żoni ta' għoljiet u pjanuri u fl-istess ħin bil-preżenza ta' lagi u minjieri tal-melħ. Fuq l-għoljiet ta' Parma, minn dejjem kien possibbli li t-teknoloġija tal-pjanura titlaqqa' mal-melħ ta' Salsomaggiore. Fil-fatt, minħabba dawn il-minjieri tal-melħ, sa mill-1300, it-tmelliħ tal-laħam tal-majjal u l-ipproċessar tiegħu, irriżulta fil-produzzjoni ta prodotti li huma rikonoxxuti kemmi f'livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fil-fatt il-"Coppa di Parma" twieldet proprju f'dan il-kuntest, bis-saħħa tat-taħriġ espert li jinsab f'din iż-żona, speċjalizzat fil-produzzjoni tagħha. Matul is-sekli din l-esperjenza kkontribwixxiet għat-tixrid tar-riċetta tal-"Coppa" lil hinn mill-konfini ta' Parma li ssodat anke fi provinċji oħrajn indikati fil-punt 4.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott:*

Il-"Coppa di Parma" IĠP tiddistingwi ruħha minn prodotti oħrajn tal-istess kategorija tas-suq minħabba t-togħma tipika bi grad tajjeb ta' benna, minħabba l-konsistenza medja li għandha, minħabba l-omoġenjità u n-nuqqas ta' xaħam, u minħabba l-uniformità f'kulurha, ħamra fil-parti tad-dgħejf u tagħti fir-roża fil-parti tax-xaħam.

Karatteristiċi oħrajn li jiddistingwu l-"Coppa di Parma" minn oħrajn li jiġu prodotti fiż-żoni tal-madwar huma l-irtubija tal-fetta u l-ammont imnaqqas ta' ħwawar li jintużaw fil-maċerazzjoni. Dawn il-karatteristiċi huma r-riżultat ta' maturazzjoni qasira u ta' nuqqas ta' regoli dettaljati dwar l-użu tal-ħwawar li jippermettu lill-"Coppa di Parma" żżomm il-fwieħa tipika tal-laħam tal-majjal u konsistenza ratba tal-fetta.

5.3. *Rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Ir-reputazzjoni tal-"Coppa di Parma" IĠP tintwera f'bosta dokumenti li fihom referenza u kwotazzjonijiet li jirrigwardaw il-prodott inkwistjoni.

Sa mill-aħħar tas-seklu XVII instabu referenzi għall-"Coppa di Parma" bħalma huma "bondiola" (tip ta' laħam ipproċċessat tipiku tal-Emilia, il-Veneto u l-Lombardia) u "salame investito", jiġifieri imqiegħed fl-intestini. Fil-bidu tal-1700, il-"Coppa di Parma" tissemma fil-memorji tal-vjaġġaturi bħala prodott tipiku tal-post. F'inventarju li sar fil-1723, kien tħabbar li sabiex wieħed ikun jista' jsir membru fil-korporazzjoni tal-"lardaroli", dan irid ikollu ċertu numru ta' salami e "bondiole". Fi stima tal-uffiċjali tal-arti tal-"lardaroli" (1750) kif ukoll f'bandu tal-21 ta' April 1764 ukoll jinsabu referenzi għall-"Coppa di Parma". Xi kuntratti irreġistrati mill-amministraturi tar-dar irjali dwar il-forniment tal-kċejjen irjali wkoll imorru lura għall-istess perjodu. Għandna tagħrif fiż-żgur dwar l-ammont tal-konsum tal-"coppa" u tal-"bondiola" fil-palazz tad-Duca Don Ferdinando Borbone. Mill-1800 'l hawn għandna tagħrif dwar il-kwantitajiet ta' "coppa" mibjugħa fis-swieq taż-żona, fl-1940 l-esportazzjoni tal-"coppa" mill-Provinċja ta' Parma kienet tammonta għal madwar 200 biċċa.

Il-karatteristiċi partikolari tal-"Coppa di Parma" huma dovuti għal għadd ta' rabtiet tassew preċiżi mal-ambjent, fis-sens wiesa' u li jinkludi fatturi ġeografiċi naturali u umani, li jirrigwardaw il-majjal, it-teknoloġija tal-preparazzjoni, l-ambjenti ta' fejn issir il-maturazzjoni u fuq kollox il-mod kif huma jaġixxu u jaffettwaw lil xulxin. Hemm fil li jgħaqqad b'mod ċar il-produzzjoni tal-"Coppa di Parma" IĠP mill-oriġini tagħha sal-lum il-ġurnata. L-industrijalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-"Coppa di Parma" IĠP żviluppat minn fażi ta' artiġjanat li żammet bla mittiefsa l-karatteristiċi tradizzjonali tal-prodott. Il-klima, bħall-karatteristiċi tal-arja (temperatura u umdità) huma dawk tipiċi taż-żona tal-għoljiet tal-pjanura Padana fejn storikament ifforma l-prodott "Coppa di Parma" IĠP. Iż-żona minn fejn tiġi l-materja prima u fejn isir il-prodott hija ddefinita minn dik li effettivament iffurmat u nżammet matul iż-żmien madwar it-tradizzjonijiet li minnhom hija ħadet il-fama.

Fost il-laħam ipproċċessat fiż-żona ġeografika, il-"Coppa di Parma" hija waħda mill-iktar magħrufa u dejjem tidher fil-listi li jiġu ssuġġeriti lill-klijenti fl-azjendi ewlenin tal-laħam ipproċċessat li jinsabu fiż-żona ġeografika. Fir-riklami kummerċjali, il-produtturi tal-"Coppa di Parma", normalment jindikaw l-irtubija tal-fetet li meta jinqatgħu għandhom ikunu rotob u qatt xotti, bħala waħda mill-karatterisitiċi l-iktar distintivi tagħha. Dan juri li ġie rrispettat iż-żmien qasir tal-maturazzjoni u li jiggarantixxi r-riħa tipika tagħha. Minħabba li l-laħam tal-"Coppa di Parma" huwa tant artab, dan iwassal sabiex din tintuża bħala ingredjent fit-torti u l-pizez mimlijin. Bħala xhieda ta' dan hemm xi riċetti li jagħmlu referenza b'mod espliċitu u li huwa evidenti sew għal din id-denominazzjoni. Barra min hekk, il-"Coppa di Parma" hija rappreżentata notevolment fil-padiljuni tal-produtturi fil-fieri agroalimentari ewlenin li jsiru fit-territorju.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

Din l-Amministrazzjoni nediet il-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta għar-rikonoxximent tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Coppa di Parma" fil-*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana.*

It-test ikkonsolidat tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab disponibbli:

— fuq il-link http://www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search_Documenti_Elenco.htm?txtTipoDocumento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%E0>Prodotti%20Dop,%20Igp%20e%20Stg

jew

— billi wieħed jidħol direttament fil-paġna ewlenija tal-websajt tal-Ministeru (http://www.politicheagricole.it) u jikklikkja fuq "Prodotti di Qualità" (fuq ix-xellug tal-iskrin) u mbagħad fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE [regolamento (CE) n. 510/2006]".

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 37/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6101 – UPM/Myllykoski u Rhein Papier) ([1]) 19

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 37/11 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel . . . . . . 20

2011/C 37/12 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel . . . . . . 24

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT